MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 194/2008

Kawza fil-lista: 46

**A B C personalment**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E F**
**maghruf bhala D G**
**vs**
**H G, I J**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled tifel D E F, maghruf bhala D G skond ic-certifiakt tat-twelid bin-numru sebgha hamsa wiehed (751)

tas-sena elfejn u tmienja (2008) (anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat H G, fil-fatt il-minuri gie koncepit f' kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti A Fa C kellha mal-intimat I J;

3. Illi r-rikorrenti A C u l-intimat H G sseparaw legalment permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 20 ta' Dicembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer;

4. Illi l-paternita' tal-minuri D tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta;

5. Illi r-rikorrenti proprju et nomine qed titlob ukoll li l-minuri jkun registrat bil-kunjom 'J Plotnikov';

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara l-intimat I J huwa l-missier naturali tal-minuri D E F maghruf bhala D li twieled fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li l-konvenuta H G mhux il-missier naturali tal-minuri;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D E F maghruf bhala D (Att Nru. 751 tat-2008) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem 'H G' u tissostitwih bl-isem 'Andre J' u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lil minuri bil-kunjom 'J Plotnikov';

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha fl-ewwel lok titlob li jigi dikjarat li l-intimat H G mhux il-missier naturali tal-minuri D.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-intimat I J sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut H G li biha rrisponda:

1. Illi l-intimat ghamel sentejn separat de facto minn ma’ martu A C Fnovna meta din kellha relazzjoni ma’ terza persuna;

2. Illi l-intimat u martu sseparaw de lege b' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 20 ta' Dicembru 2007 waqt li hija kienet harget tqila minn terza persuna;

3. Illi fil-perjodu illi sehhet din it-tqala l-intimat kien fl-impossibilta; illi jikkoabita ma' martu;

4. Illi sussegwentement twieled il-minuri D G nhar il-hmistax (15) ta' Frar 2008;

5. Illi konsegwentement ma hux kontestat il-fatt illi din it-tarbija ma hix il-wild naturali ta' l-intimat H G kif anki ser jigi indikat mit-testijiet tad-DNA;

6. Illi ghalhekk ghandha fil-fatt issir il-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' D G billi fil-kolonna taghrif dwar il-missier jigu ikkancellati l-konnotati kollha ta' l-intimat H G;

7. Illi l-intimat ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza stante illi kien ilu xahar jipprova jirregola is-sitwazzjoni bejn u bejn martu ghal kuntratt ta' separazzjoni personali izda din baqghet intransigenti.

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2008, il-konvenut I J ammetta l-ewwel talba;

Rat ir-rapport xjentifiku[1] tad-DNA maghmul mill-Analista Robert Cardona u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

[1] Dok.AR

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici, f'isimha proprju u ghan-nom ta' binha minuri D E F, qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D E F, li twieled fil-15 ta' Frar 2008, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut H G, izda huwa il-wild naturalii tal-konvenut I J.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici A B C u l-konvenut H G, allura konjugi, kienu sseparaw de facto f' Dicembru 2005; u sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut I J, mill-liema relazzjoni twieled it-tifel D.

Illi l-attrici tghid li wara s-separazzjoni de facto minn ma' zewgha, hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi mieghu, u tghid li t-tifel taghha huwa bin il-konvenut I J li minn naha tieghu jaccetta li hu l-missier naturali. L-imsemmi H G jikkonferma t-tezi ta' l-attrici.

Illi wkoll ir-rapport xjentifiku jikkonferma li l-konvenut I J huwa l-missier naturali tat-tifel D E F.

**Decide**
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u, filwaqt li tiddikjara li l-missier naturali tat-tifel D E F li twieled fil-15 ta' Frar 2008, mhuwiex il-konvenut H G, izda huwa l-konvenut I J, tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 751/08 fit-termini tat-talbiet numri tnejn [2] u tlieta [3].

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-attrici proprio u mill-konvenut I J, f' porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------